MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 298/2006

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri C D, E D u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu r-rikorrent attur ipprmetta u talab hekk:

1. Illi fis-sitta (6) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) twieldet lil E D, xebba, tifla li inghatat l-isem “C” u li fuq l-att tat-twelid taghha giet dikjarata bhala wild ta’ missier mhux maghruf, u dan kif jirrizulta mill-anness Att tat-Twelid registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru erbat elef, tlett mija sitta u hamsin tas-sena elfejn u tlieta (4356/2003)(Dok A);

2. Illi l-esponent huwa l-missier naturali tat-tarbija msemmija kif jirrizulta fit-trattazzjoni.

3. Illi hu jixtieq jirrikonoxxi lit-tarbija bhala wild tieghu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi kif jirrizulta mill-anness Att ta’ Rikonoxximent ippublikat fl-atti tan-Nutar Henri Vassallo tas-sittax (16) ta’ Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006) (Dok. B);

4. Illi l-esponent ipproceda b’ ittra gudizzjarja debitament notifikata lill-intimata E D skond il-Ligi (Dok C) u li permezz tal-istess gharraftha li hu xtaq jirregistra lit-tifla bhala bintu;

5. Illi l-intimata, izda, opponiet ghal din it-talba permezz ta’ nota li kopja taghha hi hawn annessa (Dok D);

6. Illi t-tifla C hija bintu, imwielda minn relazzjoni barra miz-zwieg ma’ l-intimata E D, kif jirrizulta waqt il-kawza;

7. Illi wkoll kemm l-esponent kif ukoll il-familjari tieghu izommu kuntatti regolari u stretti mat-tifla li tgharrfu bhala missierha. Inoltre kemm hu kif ukoll il-familjari tieghu jikkontribwixxu regolarment ghall-bzonnijiet tal-minuri.

8. Illi l-esponent hu dispost li jissottometti ruhu ghat-testijiet appositi genetici sabiex tigi kkonfermata il-paternita’ tieghu.

Ghaldaqstant jghidu l-konvenuti il-ghaliex m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-minuri C D hija bint naturali tal-attur A B.

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet opportuni fic-certifikat hawn anness bhala Dok A bin-numru 4356/2003 billi fil-paragrafi kollha li jirrigwardaw it-taghrif dwar missier it-tarbija jigu registrati id-dettalji appositi tal-attur u cioe “A B, bla xoghol, bin-numru tal-

karta ta' l-identita' 291987M, bl-eta' fid-data tat-twelid tat-tifla ta' sittax-il sena (16) imwieled tal-Pieta u residenti iz-Zurrieq, iben Charles B; (haj) kif ukoll kull korrezzjoni u annotazzjoni ohra mehtiega u opportuna inkluz li t-tarbija tkun maghrufa bil-kunjom ta' l-istess attur "B".

3. Tinvita lill-intimati nomina u lill-intimata E D sabiex jigu sottomessi ghat-testijiet genetici mehtiega u, fin-nuqqas, tigbed il-konkluzzjonijiet taghha skond il-Ligi.

4. Bl-ispejjez kontra l-konvenuta E D – inkluzi dawk tal-ittra gudizzjarja hawn annessa bhala Dok. D ingunta minn issa stess in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha rriservaw li jippresentaw l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri, stante li ma kienux ghadhom edotti mill-fatti tal-kaz;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata l-konvenuta E D li biha, ghalkemm opponiet ghat-talba ta' l-attur, iddikjarat li kienet lesta li tissottoponi ruhha ghat-testijiet tad-DNA sabiex jigi verifikat min hu missier it-tarbija Blance D;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni, u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-esponent li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Tant l-esponent ghandu x’ jeccepixxi dwar it-talbiet avvanzati fir-rikors guramentat promutur a savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-Avviz ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern skond l-artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-esperti xjentifiku Christopher Farrugia minnu debitament mahlufa;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Rat ir-rikors tal-konvenuta li permezz tieghu talbet li ai termini ta’ l-artikolu 92[6] tal-imsemmi Kap. it-tarbija tkompli tuza l-kunjom ‘D’; u rat ir-risposta oppozitorja ta’ l-attur;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li t-tifla C D li twieldet mill-konvenuta E D fis-6 ta’ Dicembru 2003 u li tinsab registrata bhala ta’ ‘missier mhux maghruf’ fic-certifikat tat-twelid numru 4356/2003; tigi dikjarata bhala l-wild naturali tieghu, kif ukoll sabiex issir id-debita korrezzjoni fl-imsemmi att tat-twelid, inkluz li l-kunjom tat-tarbija jigi sostitwit minn ‘D’ ghal ‘B’.

Illi mill-provi jirrizulta li waqt relazzjoni li l-partijiet kellhom flimkien meta’ kienu ghadhom ta’ eta’ zghira, twieldet tarbija fis-6 ta’ Dicembru 2003, meta l-attur allura kellu circa 16-il sena u l-konvenuta kellha 15-il sena.

Illi ghar-ragunijiet, li huma konfliggenti, moghtija mill-partijiet, il-konvenuta rregistrat it-tarbija fir-Registru Pubbliku bhala bint ‘missier mhux maghruf’.

Illi l-attur jirid li t-tifla tigi registrata bhala wild naturali tieghu; filwaqt li l-konvenuta tghid li hi lesta li taghati l-kunsens taghha sabiex tigi accertata l-paternita’ ta’ bintha permezz tat-testijiet tad-DNA.

Illi mir-relazzjoni[1] ta' l-espert xjentifiku Christopher Farrugia rrizulta assodat il-fatt li l-attur huwa l-missier naturali tat-tarbija C, liema cirkostanza tinsab konfortata anke mill-kumplament tal-provi; u ghalhekk l-ewwel talba ta' l-attur f' dan ir-rigward hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha.

Illi in kwantu ghas-sostituzzjoni tal-kunjoni ta' l-omm 'D' bil-kunjom tal-missier 'B', l-attur qed jinvoka r-regola generali kontemplata fl-artikolu 92 fis-sub inciz [1] filwaqt li l-konvenuta qeda topponu ghal din it-talba u qed tinvoka l-applikazzjoni ta' l-eccezzjoni kontemplata fis-sub inciz [6].

In propositu l-Qorti ezaminat kemm l-provi migjuba kif ukoll ir-ragunijiet tal-konvenuta ghall-opposizzjoni taghha kontemplati fir-rikors minnha prezentat fil-15 ta' Frar 2007, kif ukoll il-kontenut tal-r-risposta ta' l-attur, hu hija tal-fehema li c-cirkostanzi ma jiggustifikawx li din il-Qorti tiddipartixxi mir-regola generali u tapplika s-sub inciz [6].

Il-Qorti tosserva li l-minuri ghadha zghira hafna [tlett snin] u x-xewqa tal-missier li dina tigi registrata b' kunjomha hija gustifikata; tenut kont ukoll tal-fatt li minn imkien ma jirrizulta li jekk tintlaqa' t-talba ta' l-attur ser jigu preguidikati xi terzi, jew li dan mhux fl-interess tal-minuri. Il-minuri <u>ghadha zghira hafna</u> u l-ebda pregudizzju jew hsara mhu ser isirilha billi minn 'D' kunjomha jigi sostitwit b' 'B'.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti tikkunsidera t-talbiet attrici bhala gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha; izda, stante li l-attur huwa parzjalment responsabbli tas-sitwazzjoni li minnha originat din il-kawza, huwa ghandu jbati parti mill-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-minuri C D hija bint naturali tieghu;

---

[1] Fol.108 *et seq.*

[2] tilqa' t-tieni talba u tordna l-korrezzjoni relattiva fl-Att tat-twelid numru 4356/2003 fis-sens li minflok il-kliem "unknown father" jitnizzel l-isem A B, flimkien mal-konnotati tieghu kif indikati minnu fir-rikors promutur; u li t-tarbija tkun maghrufa bil-kunjom ta' l-istess attur, cioe' 'B' minflok 'D';

[3] tastjeni milli f' dan l-istadju tiehu konjizzjoni tat-tielet talba, stante li dina llum tinsab sorvolata.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-attur u mill-konvenuta E D konguntivament, fi kwoti wgwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------